MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 668/2007

**Bank of Valletta p.l.c  C 2833**

**vs**

**Dr. Martin Fenech u P.L. Hilda Ellul Mercer li b'degriet tal 15 ta' Settembru 2006 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Joseph Falzon (I.D. nru 400071 (M)  u Graziella Falzon. I.D. 172973(M)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti nomine ssottomettiet:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fis-sanction letters datati fl-20 ta’ Mejju 1993 u fit 3 ta’ April 1995 (Dok. A u B) s-socjeta’ attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Joseph Falzon;

2. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ Joseph u Graziella mizzewgin Falzon fis-somma ta’ hamest elf, disa’ mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm 5,974.33) bilanc ghad-debitu fil-‘Loan Account’’ ta’ Joseph u Graziella mizzewgin Falzon mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. ‘’C1 sa C2, D1 sa D44’’), flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-24 ta’ Mejju 2007 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta’ skrittura privata u cioe dik datata fis-17 ta’ Gunju 1994 (Dok E) il-konvenuta Graziella Falzon iggarantiet flimkien u “in solidum” ma’ Joseph Falzon ghaf favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta’ l-istess Joseph Falzon mal-Bank of Valletta p.l.c.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati fl- 1 ta’ Awissu 2006 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok ‘’F’’ u “G” sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenut ghaliex m’ghandiex din il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tikkundanna lil Joseph u Graziella mizzewgin Flazon flimkien u “in solidum” jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elf, disa’ mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm 5,974.33) bilanc ghad-debitu fil-‘Loan Account’’ ta’ Joseph u Graziella mizzewgin Falzon mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. ‘’C1 sa C2, Dok D1 sa D44’’), flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-24 ta’ Mejju 2007 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati fl-1 ta' Awissu 2006 u tal-mandat ta' Sekwestru kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Rat ir-risposta tal-kuraturi a fol 76;
Rat li l-intimata debitament notifikata baqghet ma wiegbitx;
Fic-cirkostanzi u billi t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata;

**Tiddeciedi**

Fil-kontumacja ta' l-intimata u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-intimat Joseph Falzon;
Tilqa t-talbiet tar-rikorrenti;
u ghalhekk tikkundanna lill intimati jhallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tlettax il-elf disa' mija u sittax il-Euro u hamsa u erbghin centezmi (Euro 13,916.45) ekwivalenti ghal hamest elf disa' mija u erbgha u sebghin liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm5,574.33) bilanc ghal debitu fil-*loan account* ta' Joseph u Graziella mizzewgin Falzon mas-socjeta' Bank of Valletta p.l.c.
Bl-ispejjez kontra l-intimati in solidum;
U bl-imghax kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------